*Danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol;*
*Kap 424;*
*Art 1031 tal-Kap. 16*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1194/15 TA**

**Mario Galea detentur tal-karta tal-identita` numerata 29064 (M)**

**vs**

**(1) Malta Freeport Terminals Limited (C27581)**
**(2) John Aquilina ID 513080M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur ippreżentat fis-26 ta' Diċembru 2015 u maħluf minnu stess fl-istess jum, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

> "1. Illi r-rikorrent hu impjegat bhala *tally-clerk* mas-socjeta` intimata, u fil-21 ta' Dicembru 2014, kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu bhas-soltu fil-Malta Freeport Terminal, Kalafrana.

2. Illi ghall-habta ta' 4.20 pm tal-istess jum, sehh incident fejn ir-rikorrent safa korru meta trakk li kien qed jigi misjuq mill-intimat John Aquilina, habat bil-karru li kien qed jigi misjuq mill-intimat John Aquilina, habat bil-karru li kien qed jigbed mal-kabina li minn go fiha kien qed jahdem ir-rikorrent, kif inkarigat mis-socjeta` intimata.

3. Illi bl-impatt, ir-rikorrent safa korru serjament fuq il-persuna tieghu u sofra dizabilita` permanenti, kif jirrizulta mic-certifikat mediku hawn anness u markat bhala Dokument A. Ir-rikorrent ghamel ukoll zmien twil li ma setax jattendi fuq il-post tax-xoghol minhabba l-griehi li garrab.

4. Illi l-intimati huma t-tnejn responsabbli ghal dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, stante li s-socjeta` intimata ma pprovdietx *a safe working environment* u m'osservatx l-obbligi li ghandha skond il-ligi bhala enti li thaddem. Illi dan l-incident sehh ukoll minhabba imperizja u traskuragni u negligenza fis-sewqan da parti tal-intimat John Aquilina, kif ukoll nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti applikabbli.

5. Illi l-intimati gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. It-tnejn li huma ma wiegbux ghall-ittra ufficjali li giet ipprezentata fis-27 ta' Settembru 2015 (Dokument B), minkejja li debitament notifikati.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati huma flimkien u solidalment, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident fuq deskritt li fih safa korrut ir-rikorrent u li sehh fil-21 ta' Dicembru 2013 ghall-habta ta' 4.20 pm fil-Freeport Terminal, Kalafrana;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidalment, jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 2015 kontra l-intimati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá konvenuta Malta Freeport Terminals Limited ippreżentata fit-13 ta' Jannar 2016 u maħlufa fl-istess data minn Dr Duncan Borg Myatt in rappreżentanza tal-istess soċjetá li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

"1. Illi in linea preliminari, is-socjeta` intimata mhiex il-legittimu kuntradittur u ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma rizultat dirett ta' kollizzjoni li l-intimat l-iehor John Aquilina kellu meta kien qed isuq u habat gol-kabina li fiha kien hemm ir-rikorrenti u ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax tinzamm responsabbli minhabba negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta' *proper look out* u nuqqas ta' diligenza fis-sewqan tal-intimat l-iehor John Aquilina.

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited mhiex responsabbli ghall-incident de quo.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kompetament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut John Aquilina ippreżentata fl-4 ta' Frar 2016 u maħlufa minnu fl-istess jum li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

~~"Illi huwa qieghed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba imressqa mill-attur."~~

* Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-28 ta' Ottubru, 2021:

1. "Illi l-Intimat John Aquilina m'huwiex il-legittimu kuntradittur f'dina l-kawza u ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi r-rikorrenti huwa impjegat mas-socjeta' Malta Freeport Terminals Limited u huwa allegatament wegga' waqt il-qadi ta' dmirijietu *qua* impjegat ta' dina l-istess socjeta' u fil-proprjeta' taghha u ghaldaqstant hi biss tista' tirrispondi ghat-talbiet odjerni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda rabta guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimat John Aquilina f'dina l-kawza u ghaldaqstant l-intimat Aquilina ghandu jigi illiberat minnufih mill-osservanza tal-gudizzju hekk kif se jigi ppruvat f'dina l-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' John Aquilina huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi bla ebda mod ma huwa risponsabbli ghall-incident mertu tal-kawza odjerna u dan hekk kif se jirrizulta mill-provi li se jitressqu f'dina l-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-impatt ma sehhx minhabba xi nuqqas da parti tal-Intimat John Aquilina hekk kif fuq espost u fit-tieni lok l-impatt kien wiehed de minimis fejn ir-rikorrenti qatt ma seta’ garrab l-griehi li qed jallega li garrab tant illi r-rikorrenti a tempo vergine kien stqarr ma John Aquilina li ma kien gralu xejn;

5. Illi se mai l-incident huwa imputabbli lil terzi inkluz izda mhux limitat ghall-agir tar-rikorrenti stess u/jew s-socjeta’ intimata l-ohra li naqset milli tassigura *a safe working environment* skont il-ligi u dan hekk kif se jirrizulta mill-provi li se jitressqu f’din l-kawza;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegat debilita’ permanenti fuq il-persuna tar-rikorrenti ukoll ma sehhitx minhabba xi agir tal-intimat John Aquilina;

7. Illi l-intimat bl-ebda mod m’ghandu jhallas danni lir-rikorrenti liema danni fi kwalunkwe kaz ghandhom jigu ppruvati skont il-ligi;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost peress li l-Intimat huwa “*port worker*” japplika fil-konfront tieghu il-Ligi Sussidjarja 171.02 (Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port) senjatament ir-regola 21A (7) fejn l-istess regola tghid illi “*l-operaturi ta’ terminal u principali ohra ta’ haddiema tal-port ghandhom jipprovdu kopertura adatta u assigurazzjoni biex tezimi lill-haddiema tal-port minn kull responsabbilta’ ghal danni fil-proprjeta’ u lil terzi sa kemm dawn id-danni ma jkunux jirrizultaw minn traskuragni kbira min-naha tal-haddiema tal-port”* u ghalhekk fid-dawl ta’ dan is-socjeta’ intimata ghandha ggib prova ta’ din il-kopertura u f’kaz li jirrizulta li l-intimat huwa risponsabbli ghal xi danni, eccetto fil-kaz li kien hemm traskuragni kbira da parti taghha (li certament ma kienx hemm), dawn ghandhom jithallsu mill-assigurazzjoni skont il-ligi.

9. Salv risposti ulterjuri skont il-ligi.”

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta’ Ottubru 2021 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attur huwa impjegat mas-Soċjetá Attriċi bħala tally-clerk. Bħal kull tally-clerk, l-Attur jaħdem bil-qiegħda ġo gabina ta' madwar sitt piedi tul b'ħames piedi wiesa'. Din il-gabina tagħmel parti mil-*gantry crane* li jkun stazzjonat fuq il-moll, preċiżament fil-parti t'isfel tiegħu, jiġifieri mal-istess moll (ara x' jinvolvi x-xogħol ta' *tally clerk* fl-affidavit tal-attur para 3 u 6 a' fol 49 u 50).

**2.** Il-Konvenut huwa xufier tax-xatt – *port worker* (ara affidavit Konvenut a' fol 480 u xhieda Dr. DuncanBorg Myatt a' fol 291). Huwa jsuq *tug-master* (karru miġbud min trakk) sabiex minnu jinħatt jew jitgħabba *container* fuq vapur min fuq il-moll bil-mezz ta' dan il-*gantry crane*. Kull *gantry crane* fih wisa' ta' seba karreġġjati mmarkati b'linja safra (ara Dok MG 5 a' fol 62; xhieda Manuel Schembri, *security* mas-soċjetá Konvenuta a' fol 38; xhieda Brian Briffa, *crane operator*, a' fol 106 u 108 et seq, xhieda Pierre Tonna, *shift leader*, a' fol 194). Madanakollu, biex jinħatt jew jitgħabba l-*container*, it-*tug-master* irid jidħol fl-ewwel karreġġjata (ara l-proċedura ta' kif dan isir spjegata fl-affidavit tal-Attur a' fol 50 para 5 u fol 51 para 10).

**3.** L-ewwel karreġġjata hija dik l-aktar viċin il-gabina li fiha jaħdem it-*tally worker*, mifruda biss min spazju mmarkat b'żewġ linji sofor kif indikat fl-istess Dok MG 6 (a' fol 63). Il-Qorti fehmet li hemm xi regolamenti maħruġin mis-Soċjetá Konvenuta li jipprekludu t-*tug masters* milli jgħaddu min dan l-ispazju (ara affidavit attur a' fol 51 para 10; xhieda Brian Briffa,

*Crane Operator*, a' fol 110; kontro-eżami attur a' fol 240; xhieda Emanuel Schembri, *deputy senior*, a' fol 266). Dawn ir-regolamenti qatt ma ġew preżentati in atti minkejja li d-Direttur tas-soċjetá Konvenuta Dr. Duncan Borg Myatt obbliga ruħu li jippreżenthom (ara xhieda a' fol 27).

**4.** Anke jekk jesistu dawn ir-regolamenti jirriżulta li ma jsir xejn biex dawn jiġu imharsa u enforzati. Difatti x-xufiera tat-tug masters jgħaddu minn dan l-ispazju fuq bażi regolari (ara affidavit attur fol 51 para 12 u fol 52 para 13; ara xhieda Brian Briffa, *Crane Operator* a' fol 107; ara xhieda George Degiorgio, *Operations Clerk*, a' fol 119, 120 u 122; xhieda attur a' fol 240 sa 243; xhieda Joseph Borg a' fol 456, kontro-eżami Konvenut a' fol 496). Jirriżulta ukoll li ma hemmx iktar min żewġ *Health and Safety Officers* biex jissorveljaw is-saħħa u s-sigurtá madwar iż-żona kollha tal-freeport u li dawn ftit li xejn jidhru fuq il-post tax-xogħol (ara xhieda John Vizanich, *Personnel Officer*, a' fol 77; xhieda Brian Briffa a' fol 111 u 112; xhieda George Degiorgio, operations clerk, a' fol 121);

**5.** Fil-21 ta' Diċembru 2013 l-Attur daħal jaħdem is-shift tiegħu li dak inhar kien jibda mill-erbgħa ta' filgħaxija (4pm) u jispiċċa f'nofs -il lejl (12am). Il-*gantry crane* li fuqu kien inkarigat jaħdem dik il-ġurnata kien dak numru 26 f'*Terminal* 2 tal-Freeport (ara affidavit attur para 6 fol 50). Dak il-ħin il-Konvenut kien qiegħed ġo *tug-master* mgħobbi b'*container* ipparkjat fl-ewwel karreġġjata ta' taħt dan il-*gantry crane* numru 26 flimkien ma xufiera oħra ta' *tug-masters*, wkoll mgħobbija bil-*containers*. Numru min dawn it-*tug-masters* kienu ipparkjati fl-istess karreġġjata quddiem il-

Konvenut u numru ieħor kienu ipparkjati fil-karreġġjata ta' ma' ġenb tal-konvenut. Il-bqija tal-karreġġjati kienu okkupati bl-uċuħ tal-vapur (*hatch covers*) mpoġġija fuqhom (ara xhieda attur a' fol 207, 208, 210 sa 212 u 228 u 243; xhieda Joseph Borg (dik inhar kien duty manager) a' fol 174, 449 u 450; affidavit Konvenut a' fol 480 para 9);

**6.** Ix-xufiera ta' dawn it-*tugmasters* kienu qiegħdin, bħal Konvenut, ġol-gabini tat-*tugmasters* rispettivi tagħhom. Huma kienu qed jistennew li jitla' fuq il-*monitor* tal-gabina in-numru tat-*tug-master* tagħhom bl-istruzzjoni tal-*gantry crane* partikolari li taħtu kellhom imorru sabiex jinħatt il-*container*. Din l-istruzzjoni tintbgħat b'dan il-mod mit-*tally clerk* ta' dak l-istess *gantry crane* li taħtu jkun mibgħut isuq it-*tug-master*. It-*tally clerk* ġieli jkollu wkoll ix-*shift leader* miegħu (ara affidavit Konvenut a' fol 480 para 7).

**7.** Għall-ħabta tal-4.20pm, telgħet fuq din is-sistema n-numru tat-*tug master* li kien qed isuq il-Konvenut bl-istruzzjoni li dan għandu jħott il-*container* minn taħt *gantry crane* numru 27. F'dan il-każ għalhekk l-istruzzjoni ġiet mogħtija lill-Konvenut mit-*tally-clerk* stazzjonat fil-*gantry crane* numru 27 (k/ezami attur a' fol 228, 236, xhieda Emanuel Schembri a' fol 276, affidavit konvenut a' fol 480, rapport korriment a' fol 80).

**8.** Il-Konvenut ma setgħax jgħaddi għal taħt il-*gantry crane* numru 27 minħabba li l-karreġġjati kollha ta' taħt il-*gantry crane* numru 26 kienu blukkati bit-*tug masters* hekk ipparkjati quddiemu u maġenbu kif ukoll bl-uċuħ tal-vapur impoġġijin fuqhom (ara xhieda attur a' fol 207, 208, 210 sa

212 u 228 u 243; ara xhieda Joseph Borg (dik inhar kien *duty manager*) a' fol 449 u 450; ara wkoll affidavit Konvenut a' fol 480 para 9);

**9.** L-uniku spazju vojt jidher li kien projbit mir-regolamenti, ċioe' dak tan-naħa tax-xellug li jifred, bil-mezz ta' dawn iż-żewġ linji sofor, il-gabina fejn kien qiegħed stazzjonat l-Attur u l-ewwel karreġġjata li fiha kien imwaħħal il-Konvenut. Għalkemm dawn il-linji sofor mhux dejjem ikunu viżibli għal raġunijiet spjegati mill-Attur fl-affidavit (ara para 9 a' fol 51), dik inhar tal-21 ta' Diċembru 2013 dawn kienu jidhru(ara xhieda Pierre Tonna, shift leader, a' fol 194 et seq, xhieda Joseph Borg a' fol 458 sa 460, xhieda Brian Briffa, Crane Operator a' fol 110).

**10.** Jirriżulta bħala proċedura li, meta x-xufier tat-tug master jieħu iktar ħin milli mistenni biex isuq għal taħt il-gantry crane indikata fil-monitor, jaqgħa fuq ix-*shift leader* jew *it-tally clerk* li jkun daħħal tali struzzjoni fis-sistema li jgħajjat lix-xufier u jirsistilu biex ifittex jidħol (ara xhieda Joseph Borg a' fol 452 sa 454). It-*tally clerk* tal-*gantry crane* numru 27 iddeċieda jagħmel hekk billi jdoqq il-*buzzer* tal-*monitor* tal-Konvenut biex huwa jfittex isuq għal hemm ħalli jinħatt il-*container* tiegħu (affidavit konvenut para 8 a' fol 480, kontro-eżami konvenut a' fol 496). Dan isir minħabba li x-xogħol irid jiġi effettwat bl-għaġġla, inkella jkun hemm il-multi inkorsi filwaqt li l-ħaddiema jsofru telf fl-introjtu tagħhom (ara affidavit attur para 14 a' fol 52; xhieda Manuel Schembri a' fol 40, xhieda Joe Borg a' fol 174 u 198);

**11.** Il-Konvenut iddeċieda jasal taħt il-*gantry crane* numru 27 billi jgħaddi minn dan l-ispazju projbit. Waqt li kien għaddej min hemm, il-Konvenut ra t-*tug-master* ta' ħdejh, li kien wieqaf, qed jimmanuvra biex jiddritta, possibilment biex il-Konvenut jibqa' diehel għal quddiemu u jsib postu fl-ewwel karreġġjata minfejn irid jinħatt il-*container* hekk kif jasal taħt il-*gantry crane* numru 27 (ara affidavit konvenut a' fol 481 para 10 u 11).

**12.** B'reazzjoni għal din il-manuvra il-Konvenut irtira ftit il-ġewwa iktar minn dak dovut bil-konsegwenza li l-*pockets* tax-xellug tat-tug master li kien qed isuq, laqtu l-kaxxa tal-hydraulic li kienet installata qabel il-gabina li fiha kien hemm jaħdem l-Attur. Din il-kaxxa baqgħet titkaxkar għal-fuq il-kantuniera tal-istess gabina. Mad-daqqa l-attur ħa skoss ġo spalltu u idu, billi dawn kienu qed imissu mal-ġenb tal-gabina, u nxteħet mal-art. Il-Konvenut ma ndunax bil-ħabta u baqa sejjer sal *gantry crane* 27 fejn ġie mwaqqaf mix-*shift leader* (Pierre Tonna) wara li rċieva messaġġ għaldaqshekk mill-Attur stess. Il-Konvenut reġa mar lura fuq il-post tal-ħabta (ara xhieda Manuel Schembri a' fol 37, 40 u ritratti a' fol 44 sa 46, affidavit Attur a' fol 51-53, kontro-eżami attur a' fol 222, 25 rapport korriment a' fol 80, xhieda Brian Briffa, Crane Operator, a' fol 106, kontro-eżami attur a' fol 248, xhieda Emanuel Schembri a' fol 264, affidavit Konvenut a' fol 481 para 13 sa 16). Huwa ġie interrogat fuq l-inċident, intbgħat id-dar u ġie sospiż mix-xogħol għal żmien xahar u nofs (kontro-eżami konvenut a' fol 497).

**13.** Wara dan l-inċident is-Soċjetá konvenuta waħlet sinjali tal-karreġġjati mal-parti ta' fuq tal-*gantry crane* b'tali mod li issa x-xufiera tat-tug masters għandhom indikazzjoni dejjem tidher ta' kull karreġġjata taħt il-*gantry crane* (ara affidavit attur a' fol 51 para 9).

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

**14.** It-talba tal-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol.

**15.** Ġie ritenut kemm-il darba li "*Il-principji generali li jirregolaw is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u r-responsabbiltajiet ta' min ihaddem huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna u anke mfissra f'Ligi specjali.*

*Bhala principju generali l-harsien tas-sahha u s-sigurta` fuq ix-xoghol ghandu jitqies ta' interess pubbliku" (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement dan l-obbligu kompla jigi regolat bl-Avviz Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u b l-Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18).).*

*Huwa dmir ta' min ihaddem li jipprovdi dik li tissejjah bhala "a safe system of work", b'dan li huwa obbligu tieghu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-**Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII tal-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)** (Ara per.es.- "**John Sultana***

***vs Francis Spiteri et noe"*** *(K. 28 ta' Mejju 1979);* ***"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe"*** *(A.C. 7 ta' Dicembru 1994);* ***"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"*** *(P.A. 12 ta' Frar 1999) ) li jelenka b'mod generali d-dmirijiet ta' min ihaddem. Ukoll "Huwa dmir ta ' kull min jahdem fuq post tax-xoghol li jhares is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema l-ohra fl-istess post, kif ukoll tieghu stess" (****Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994****).*" (**Robert Azzopardi vs Gutenberg Press Limited**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013).

**16.** Kif insenjat fis-Sentenza **Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals** mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019, "*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).*

*B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (App. Ċiv.* ***28.4.2017*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et****);*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424;*

*Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Kumm. JH* ***9.9.1981*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** *(mhix pubblikata). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (P.A.* ***10.10.1980*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Calleja vs Fino*** *(mhix pubblikata);*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id*

*f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (P.A. RCP* ***30.10.2008*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd****). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (P.A. TM* ***9.10.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd****);*"

**17.** Irid ukoll jingħad li l-posizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, taħt il-ligi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb **"Occupational Health & Safety Law" ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28 ) fejn** intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract*." Dan ifisser , li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono vs Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu. Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol:

"*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obblio di sicurezza a' carico del datore di lavoro anhe qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato"* (**Giovanna Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**). 10.

**18.** Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtiega biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**19.** Senjalati l-prinċipji legali u ġurisprudenzjali applikabbli għall-każ in diżamina, din il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati.

**20.** Għal din l-azzjoni kemm is-soċjetá Konvenuta u kif ukoll il-Konvenut John Aquilina eċċepew preliminarjament li ma humiex il-leġittimi kontradittur għall-ilment tal-attur.

**21.** Is-Soċjetá konvenuta ssostni din l-eċċezzjoni billi taddebita l-ħtija ta' dan l-inċident fuq il-Konvenut John Aquilina u tinsisti li "*ma tistax inżamm responsabbli minħabba negliġenza, imprudenza, traskuraġni, nuqqas ta' proper look out u nqqas ta' diliġenza fis-sewqan tal-intimat l-ieħor Johna Aquilina*" (ara l-ewwel eċċezzoni tas-soċjetá Konvenuta a' fol 13).

**22.** Il-Konvenut min naħa l-oħra jinsisti li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju "*peress li r-rikorrenti huwa impjegat mas-soċjetá Malta Freeport Terminals Limited u huwa allegatament weġġa' waqt il-qadi ta' dmirijietu qua impjegat ta' din l-istess soċjetá u fil-proprjetá tagħha*" u għax "*ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-intimat John Aquilina f'din al-kawża*" (ara l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet a' fol 18).

**23.** Kif sewwa eċċepit mill-Konvenut, ġie kemm il-darba ritenut anke min din il-Qorti (ara **Mark McBride vs MK Leisure Limited datata 12 ta' Novembru 2019 u Mario Micallef vs Valletta Gateway Terminals Ltd datata 14 ta' Ottubru 2019**) li, l-kriterju li għandu jitqies sabiex tiġi determinata r-responsabbilitá għal dawn l-inċidenti huwa "*jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol*" (**Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd**, **Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Lulju 2006**).

**24.** Isegwi li d-dover li jiżgura li l-ambjent tax-xogħol tal-Attur meta seħħ l-inċident kien wieħed sikur u ħieles minn kull perikolu kien jaqa fuq is-soċjetá Konvenuta. Kienet hi li assenjat lill-Attur sabiex jaħdem fil-post fejn seħħ l-inċident. Isegwi li l-ambjent tax-xogħol fejn sar l-inċident kien taħt il-

kontroll tagħha u għaldaqstant is-Soċjetá Konvenuta għandha titqies li hija l-leġittimu kontradittur biex tirrispondi għat-talbiet tal-Attur.

**25.** Dawn il-Qrati b'mod konsistenti u uniformi jgħallmu li "*Min ihaddem ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu s-sit fejn ikun se jibghat il-haddiema tieghu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konducenti ghal perikli ghas-sahha tal-haddiema tieghu. Huma dover ta` min ihaddem li jispezzjona l-post, jevalwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jaghmel ix-xogholijiet mehtiega biex inehhi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min ihaddem ghandu jirrifjuta jesegwixxi x-xoghol u jesponi l-haddiema tieghu ghal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bugeja vs Montanaro Gauci", deciza fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'*"." (**Mayor Scicluna v. TN Waterproofing Ltd, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 20 ta' April 2007; ara wkoll Katerinu Farrugia vs Tabib Principali tal-Gvern et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 15 ta' Marzu 2017; Raymond Zarb vs Industrial Projects Services Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla 26 ta' Mejju 2016**).

**26.** B'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet legali esposti supra, l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jitfa' fuq is-soċjetá intimata, qua l-*employer*, il-piż li tipprova li l-inċident seħħ minkejja li tkun ħarset dak kollu li l-liġi tistenna minnha

f'dan ir-rigward. Huwa veru li, a tenur tal-artikolu 7 tal-istess Kap, dan il-grad għoli ta' responsabbilitá fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem, ossia l-Konvenut, mill-obbligi tiegħu espressi fir-regola 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-saħħa u s-Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol). Dawn l-obbligi iżda "***ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltá ta' min iħaddem***" (ara proviso artikolu 6 tal-Kap. 424).

**27.** Din il-Qorti ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li s-Soċjetá Attriċi naqset għal kollox milli tipprova li hi żammet mar-responsabbilitá tagħha f'li tħares dak kollu li l-liġi tistenna minnha biex tevita milli jseħħ dan is-sinistru. Hija baqet għal kollox siekta fuq in-nuqqas imputat lilha mill-Attur (ara premessa 4) u ma produċiet l-ebda evidenza konvinċenti sal-punt li tavalla l-eċċezzjoni tagħha u cioe' li b'xi mod turi li hija mxiet ma l-obbligi hemm imposti. Is-Soċjetá konvenuta sostniet biss li l-inċident seħħ unikament bi ħtija tal-Konvenut innifsu għaliex għadda min dak l-ispazju projbit mir-regolamenti tagħha li, b'żewġ linji sofor, jifred il-gabina minn mal-ewwel karreġġjata (ara nota a' fol 574).

**28.** Ir-regolament 16(2) tal-L.S. 424.15 (Reglamenti dwar Ħtiġiet Minimi ta' Saħħa u Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol) speċifikament jipprovdi li "***Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżgura li rotot ta' traffiku****...ikunu magħmulin minn kostruzzjoni solida u adatta, u ssirilhom manutenzjoni kif imiss, u* ***<u>għandhom jibqgħu ħielsa minn kull</u>***

***xkiel**, minn kull difett fil-wiċċ, u minn kull sustanza li x'aktarx tikkaġuna xi żlieq, tgerbib jew waqa' ta' xi persuna jew xort'oħra tikkaġuna xi inċident.*" (Emfazi tal-Qorti).

**29.** Is-sub-regola sussegwenti espressament tipprovdi li "***Min iħaddem għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiżgura li r-rotot kollha użati** minn pedestrians u **minn traffiku tal-vetturi jew industrijali** jkunu identifikati b'mod ċar u mmarkati adegwatament, issir manutenzjoni fuqhom u jkunu mingħajr periklu għall-ħaddiema u għal kull persuna oħra fil-viċinanza ta' dawn ir-rotot ta' traffiku, u li **jkunu mingħajr xkiel il-ħin kollu***". ( Emfazi tal-Qorti).

**30.** Mill-provi jirrisulta li kienet regola li aktar kienet tkun innoservata milli osservata kif titlob il-ligi. Dik inhar tal-inċident il-karreġġjati **kollha** kienu mxekkla bl-imblokk kawżat bit-*tug-masters* ipparkjati u bl-uċuħ tal-vapur (*hatch covers*) mqiegħda fuqhom (ara xhieda attur a' fol 207, 208, 210 sa 212 u 228 u 243; xhieda Joseph Borg (dik inhar kien duty manager) a' fol 174, 449 u 450; affidavit Konvenut a' fol 480 para 9). Jirriżulta li tali mblokk ma seħħx biss dik inhar tal-inċident iżda jseħħ fuq bażi regolari (ara ritratt Dok MG5 a' fol 63 meħud f'ġurnata li mhix dik tal-inċident in kwistjoni li juri l-karreġġjati taħt *gantry crane* mblukkati bil-*hatch covers*). Is-Soċjeta' konvenuta kellha l-obbligu li tassigura li dan ma jiġrix billi fost oħrajn tara li jkun hemm sorveljanza kontinwa u persistenzi f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Bħal donnu s-Soċjeta' konvenuta kienet tħalli f'idejn min ikun hemm jaħdem fuq il-lant tax-xogħol biex jirranġaw bejtiethom. Dan qiegħed

jingħad ukoll fid-dawl li l-uffiċjali tas-saħħa qajla kienu jidhru fuq il-post kif diġa' aċċennat.

**31.** Ikompli jinghad li s-sub regolament (5) tal-istess regolament 16 jippreskrivi wkoll li "*Min iħaddem* ***għandu jiżgura*** *li jkun hemm biżżejjed distanza bejn rotot ta' traffiku għal vetturi u bibien, xatbiet, passaġġi għall-pedestrians, kuriduri u skali, u* ***din id-distanza għandha tinżamm mingħajr xkiel f'kull ħin****.*"(Emfazi tal-Qorti).

**32.** L-unika miżura li ħadet is-Soċjetá Attriċi f'dan ir-rigward kienet li tiżboh żewġ linji sofor u tippreskrivi regolament ta' projbizzjoni – regolament li baqa' ma ġiex preżentat in atti minkejja l-promessa f'dan is-sens ai fini tal-artikolu 559 tal-Kap. 12 (ara xhieda tad-Direttur tas-soċjetá Konvenuta a' fol 27). Ghalhekk is-soċjeta Konvenuta m'għamlet xejn biex tħares dan ir-regolament 16(5) tal-L.S. 424.15 u tiżgura li din id-distanza tassew tinżamm mingħajr xkiel f'kull ħin bl-infurzar ta' dan ir-regolament ta' projbizzjoni. Hija ħalliet li tizvilluppa il-prattika mix-xufiera tat-*tug-masters* li jgħaddu min hemm, probabbilment għax ikun l-uniku spazju mhux imxekkel. B'hekk din bhal donnha saret prassi normali u kostanti minghajr ma ttiehdu l-ebda passi biex titwaqqaf (ara affidavit attur fol 51 para 12 u fol 52 para 13; ara xhieda Brian Briffa, *Crane Operator* a' fol 107; ara xhieda George Degiorgio, *Operations Clerk*, a' fol 119, 120 u 122; xhieda attur a' fol 240 sa 243; xhieda Joseph Borg a' fol 456, kontro-eżami Konvenut a' fol 496). Bħal donnu s-Soċjeta' konvenuta sabitha komda li tħalli lill-

ħaddiema jirranġaw bejniethom. Din hija attitudni żbaljata u li tmur kontra dak li trid il-liġi li tħares is-saħħa tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol.

**33.** Huwa evidenti li sempliċi linji sofor u iskrizzjoni ta' projbizzjoni f'manwal ta' regolamenti ma jikkwalifikawx bħala miżuri preskritti xierqa kif irid l-artikolu 6(2) tal-Kap. 424. Dan peress li ma jagħmlu xejn biex jevitaw, jew tal-inqas jirriduċu, ir-riskju ta' sinistri li jistgħu iwasslu għal inċidenti ħafna aktar serji minn dak in eżami. Biex is-soċjetá intimata tista titqies bħala waħda li verament tipprovdi a *safe system of work* kif irid il-Kap. 424, hija għandha prinċipalment tara li l-karreġġjati jkunu liberi u bla xkiel. Hija umbagħad għandha tara li l-aċċess mix-xufiera tat-*tug-masters* għal dan l-ispazju projbit jiġi mbarrat u mhux sempliċiment miżbugħ b'żewġ linji sofor.

**34.** Is-Soċjetá konvenuta m'għamlet xejn minn dan u lanqas ma ħadet passi biex tipprovdi s-superviżjoni meħtieġa ħalli titħares is-saħħa u s-sigurtá tal-ħaddiem kif jeżiġi l-artikolu 6(3) tal-Kap. 424. Hija anqas biss timpjega aktar minn żewġ *Health and Safety Officers* biex jissorveljaw is-saħħa u s-sigurtá madwar iż-żona kollha tal-freeport u li dawn ftit li xejn jidhru fuq il-post tax-xogħol (ara xhieda Brian Briffa a' fol 111 u 112; xhieda George Degiorgio, *operations clerk*, a' fol 121).

**35.** L-obbligu ta' min iħaddem f'dawn iċ-ċirkostanzi, ma jieqfux mal-pubblikazzjoni ta' regolament interni dwar is-sigurta' tax-xogħol. Dan iġib miegħu ukoll l-obbligu l-ieħor importanti, li min jimpjega **attivamen**t jagħmel dak kollu possibbli biex dawn ir-regolamenti jew struzzjonijiet ikunu tassew

imħarsa. Huwa ukoll obbligu ta' min iħaddem li jippenalizza lil min ma jħarisx dawn ir-regolamenti biex b'hekk jibgħat messaġġ ċar lill-ħaddiemha kollha tiegħu, li aġir irresponsabbli li jista' jipperikola l-ħajja jew is-saħħa tiegħu jew tal-ħaddiema sħabu ma hux ittollerat.

**36.** Magħdud ma' dan kollu, is-Soċjetá konvenuta tippenalizza lil ħaddiema bi tnaqqis fl-introjtu tagħhom jekk ix-xogħol ma jistlestix b'heffa u malajr (ara affidavit attur para 14 a' fol 52; xhieda Manuel Schembri a' fol 40, xhieda Joe Borg a' fol 174 u 198). Fil-waqt li din il-Qorti tifhem in-natura kummercjali tal-attivita' mertu ta' din il-Kawza, l-ħaddiema qeghdin pero' jiġu mqiegħda taħt pressjoni biex jieħdu deċiżjonijiet u jagħmlu manuvri azzardati bl-iskop li jfittxu jagħmlu x-xogħol malajr. Din il-miżura qiegħda għalhekk iżżid ir-riskju ta' ħsara u korriment tal-ħaddiema kif ġara fil-każ in eżami. Dan imur intrinsikament kontra il-prinċipju stabbilit fir-regolament 8 tal-istess L.S.424.18 li jipprovdi s-segwenti:

"*Min iħaddem m'għandux jimponi jew jippermetti li jiġi impost fuq xi ħaddiem, xi ħlas jew tnaqqis fil-pagi fejn tidħol xi ħaġa magħmula fl-interessi tas-saħħa, is-sigurtà ... jew assistenza fuq il-post tax-xogħol skond xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' xi regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att...*"

**37.** Din is-sitwazzjoni twassal lil din il-Qorti biex tifhem, li f'ċirkostanzi bħal dawn, li min jimpjega huwa fl-obbligu li jimmassimizza s-sorveljanza

bil-presenza ta' aktar health officers li jkunu konstatament presenti fuq il-post tax-xogħol.

**38.** Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti hija tal-konvinċiment morali li l-konvenut għadda minn dak l-ispazju hekk projbit mhux għax kien negliġenti, imprudenti, traskurat jew b'nuqqas ta' diliġenza jew proper look out. Huwa għadda minn hemm unikament għax sab ruħu f'qagħda li ħass ma setgħax jagħmel mod ieħor. Dan b'konsegwenza tan-nuqqas tas-soċjetá Konvenuta milli tipprovdi '*a safe system of work*' bil-mod kif appena ikkunsidrat. Ma hiex ħaġa sewwa xejn li l-prinċipal iqiegħed lill-ħaddiema tiegħu f'qagħda li jkollhom jaħdmu f'ċirkostanzi ta' perikolu għalihom u għal ħadd ieħor, u meta jseħħ xi sinistru, jipprova jeżimi lilu nnifsu minn kull reponsabbilita' billi jisposta l-ħtija tal-akkadut fuq il-ħaddiem.

**39.** Din il-Qorti sejra għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tas-Soċjetá Attriċi, tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Konvenut John Aquilina u konsegwentement ser tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

**40.** Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkonsidra x-xorta tad-danni li qed jiġu reklamati mill-Attur.

**<u>Likwidazzjoni danni</u>**

**41.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum*

*emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**42.** Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li Lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*" Kif inghad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti , fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*" (**Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

<u>Telf ta' Qliegħ Futur (lucrum cessans)</u>

**43.** Jirriżulta li l-Attur ma hu ħa jitlef xejn mill-introjtu tiegħu konsegwenza tal-inċident. Dan perress li baqa' jista' jagħmel ix-xogħol tiegħu ta' *tally clerk*:

"**Dr. Adrian Camilleri:** *Però x-xogħol għadek tmur?*

***Xhud:*** *Għadni nagħmlu għax ix-xogħol tiegħi bil-pinna u kompjuter hux jiġifieri nista' nagħmlu.*" (fol 232)

**44.** F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak insenjat mill-**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Ċivili (per Imħallef Anthony Ellul) fil-kawża Gużeppi Grech et vs Emanuel Sultana et datata 24 ta' Ġunju 2008:**

"*Il-ġurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi ikun irriżulta li strettament id-danneġġjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qligħ attwali jew għal quddiem. Fil-kawża* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiża fis-16 ta' Marzu 2004, ġie osservat: 'Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li kumpens għal diżabilita' permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha – ara f'dan ir-rigward* ***George Gatt vs Francis E. Carbone nomine*** *deċiża minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u diversi sentenzi oħra in materja.' Sewwa qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Noel Arrigo) fil-kawża* ***Susanne Davis et vs Anthony***

***Galea** deċiża fl-10 ta' Ottubru 1997 li "Il-maggior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' disabilita' mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilita' hijiex verament sejra tikkaġuna telf futur." Din hi r-realta', minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qegħda tirregola l-effett li ħsara għandha fuq qligħ attwali u tal-futur tad-danneggjat. F'dan il-kuntest l-istess Qorti fil-kawża **Joseph Caruana vs Joseph Gafa** deċiża fid-29 ta' Mejju 1998 reġgħet ikkonfermat li: "Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li teżigi li kull tip ta' disabilita' permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg tagħha." (Fil-kawża li diġa' saret riferenza għaliha fl-ismijiet **Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et**, jingħad: "Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-gradd baxx ta' diżabilita' għandu jxejjen il-possibilita' li jiġi akkordat kumpens u dan għaliex il-grad ta' diżabilita' li jiġi stabbilit permezz ta' esperti in materja qiegħed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le dovut kumpens, iżda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun."). Proposta li biha jigi rikonoxxut li d-danneġġjat jiġi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta' l-ħsara kellix effett fuq il-qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta' inkapaċita' li jkun sofra. Tajjeb li ssir riferenza għal numri ta' sentenzi li l-qorti tqies li huma rilevanti:-*

*(a) **Joseph Smith vs Peter Grech** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imħallef Albert Magri) fl-4 ta' Ottubru 1995, id-danneġġjat kellu 67 sena u*

*minkejja l-ġrieħi li sofra xorta "…kien u baqa ser jirċievi l-pensjoni blincrements kollha tagħha." Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza Butler vs Heard in kwantu skond il-Qorti, dik is-sentenza kienet tikkontempla "danni futuri anke f'każ li dawn, bħal fil-każ in eżami, mhux ser jiġu sofferti."*

*(b)* **Francis Farrugia vs David Darmanin** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Raymond Pace) fil-21 ta' Marzu 2002. Id-danneġġjat ma kienx jaħdem għaliex kien ġie boarded out u kien qiegħed jirċievi pensjoni ta' diżabilita. Il-qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni bħala lucrum cessans. Il-Qorti spjegat: "Illi madanakollu huwa għandu jiġi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jaħdem." Dan minkejja li ġie ċertifikat li r-rata ta' debilita' kienet biss ta' 1% u ma kienitx effettwat il-qliegħ futur tiegħu. Il-qorti għaddiet biex tillikwida d-danni fuq bażi ta' arbitrio boni viri.*

*(c)* **Saviour Sammut et vs Robert Demanuele** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002. F'dan il-każ id-danneġġjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta għaddiet biex tillikwida lucrum cessans.*

*(d)* **Sylvia Rosso vs Etienne Galea** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' April 2003. Fil-jum ta' l-inċident (6 ta' Ġunju 2000) l-attriċi kellha 65 sena. Il-Qorti osservat: "Illi l-attriċi wriet li,*

*għalkemm kienet armla, qabel l-inċident kienet mara attiva li tħobb il-ħruġ u ż-żfin u kienet tivvjaġġa. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-inċident …. Hija bir-raġun kollu tissottometti li bil-liġi jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi li ġarrbet, ukoll jekk qabel ma kinitx taħdem bi qligħ, għall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet iżżomm id-dar hi bil-ħidma tagħha. Minbarra dan, hija wriet li kienet tgawdi minn stat ta' saħħa tajjeb qabel seħħ l-inċident u għalhekk kienet mistennija tgawdi minn żmien ta' ħajja attiva għal għadd ta' snin oħrajn, li kieku ma kienx għalih." Il-Qorti għaddiet biex tillikwida l-kumpens mistħoqq lill-attriċi taht it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(e)* ***Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007. Fil-ġurnata tal-inċident l-attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-incident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bazi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(f)* ***Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004. Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-incident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "l-ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas*

*għalih…….". Spejjeż li mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' lucrum cessans u addottat multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti ta' l-Appell irriduċiet il-multiplier għal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proċeduri. Din il-Qorti tibqa' ssostni li xorta tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur għandha sservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi.*"

**45.** L-awtur taljan Torrenti jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**).

**46.** Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinciz (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Herd tat-22 ta' Diċembru 1967**). Għalhekk fid-dawl ta' dan it-tagħlim din il-Qorti ser tgħaddi biex tiffissa d-danni skont il-liġi.

*Perċentwali ta' diżabilitá*

**47.** L-Attur ippreżenta rapport mediku tal-konsulent li kienet eżaminatu l-isptar. It-tabiba Marilyn Casha ikkonkludiet li l-Attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 20% (ara rapport ex parte a' fol 5). L-ewwel espert imqabbda minn din il-Qorti Dr. Josanne Aquilina iżda ikkonkludiet li l-Attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 8% (ara rapport a' fol 488). L-espert adizzjonali Dr. Carmel Abela mqabbad mill-Qorti ħa pożizzjoni diverża u kkonkluda li l-Attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 18% (ara rapport a' fol 532). Jidher li l-espert addizzjonali wasal għal din il-konklużjoni għaliex ikkonsidra li d-disabilitá bħala waħda "*not allowing him to perform a full day's work*".

**48.** Mix-xhieda tal-Attur a' fol 232 su ċitata, jirriżulta iżda li d-diżabbilitá li qed isofri l-Attur konsegwenza tal-korriment li ġarrab m'affetwatx il-ħidma tiegħu f'dan ix-xogħol ta' *tally-clerk* tant li kompla jaħdem fih. Jirriżulta wkoll li l-attur ġarrab **għaxar (10)** inċidenti preċedenti li dejjem seħħew fuq il-post tax-xogħol li jaqa' taħt il-kontroll tas-soċjetá intimata (ara xhieda Joana Attard a' fol 317 u dokumenti a' fol 320 sa 425). Ħadd mill-periti mediċi ma kkalkula l-effett tagħhom fuq id-diżabbilitá reklamata mill-Attur b'riżultat ta' dan l-inċident li allura jiġi l-ħdax (11) -il wieħed (ara kontro-eżami Dr. Marilyn Casha a' fol 163, 164, 436 sa 440 u xhieda Dr. Carmelo Abela a' fol 551) . F'dawn iċ-ċirkostanzi u abbażi tal-prinċipju ta' minimizazzjoni tad-danni u kif ukoll abbażi tal-fatt li l-Attur baqa' f'pożizzjoni li jkompli jaħdem,

ir-rata ekwa li l-Qorti tqis li għandha tikkonsidra għall-fissazzjoni ta' danni hija dik ta' 12%.

*Salarju*

**49.** Ai fini ta' kalkolu lucrum cessans, il-Qorti tqis li s-salarju għandu jinħadem fuq iċ-ċifra ta' €21,855.850. Dan l-ammont jirrappreżenta d-dħul nett perċepit mill-Attur għal-perjodu bejn l-24 a' Diċembru 2012 u l-għada tal-inċident, jiġifieri 21 ta' Diċembru 2013 skont ir-rapport preżentat mis-Sur Vizanich a' fol 98.

**50.** Il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll iż-żieda potenzjali fid-dħul tal-attur. Dan fid-dawl ta' dak ribadit min dawn il-Qrati (ara **Apap vs Degiorgio, Qorti tal-Appell, 16 ta' Jannar 1984; Sultana vs Malta Drydocks Corporation, Qorti Kummerċjali, 28 ta' Mejju 1979; Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo vs Karl Vella Petroni, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2012**). Għalhekk, abbażi tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva, il-Qorti ser tkun qed tiffissa din iż-żieda potenzjali fl-ammont ta' €2,500.

*Aspettativa tal-ħajja lavorattiva*

**51.** L-Attur twieled fl-24 ta' Diċembru 1963 u għaldaqstant kellu kważi ħamsin sena meta seħħ il-korriment (ara rapporti esperti mediċi a' fol 485 u 530). Il-Qorti sejra tikkalkula l-multiplier fuq il-hajja lavorattiva rimanenti tal-Attur, cioe' dak ta' ħmistax (15) -il sena , jigifieri z-zmien li jrid jghaddi

biex l-Attur jilhaq l-etá tal-pensjoni, l-etá ta' hamsa u sittin sena (artikolu 2 tal-Kap. 318).

*Lump sum payment u lucrum cessans*

**52.** Skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Imma din il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-inċident seħħ fl-2013 u s-Sentenza ser tingħata kważi tmien snin wara. Il-fattur tad-dewmien għandu jirrifletti fit-tnaqqis ta' din il-lump sum payment.

**53.** Iżda dawn il-Qrati għallmu ukoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali [ara **Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawża tal-Prim Awla Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" (ara **Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fil-kawża tal-**Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi **Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16/3/99 u Caruana vs Camilleri App Ċiv Sup 27/2/04**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża **Galea vs Piscopo PA 3/10/03**, 5% f'**Scicluna vs Meilaq PA 16/7/01** u 0% fil-kawżi **Turner vs**

**Agius App Civ Sup 28/11/03, Bonnici vs Gauci PA 15/9/99** meta għaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra PA 20/01/05** meta għaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana Kum 20/4/90** meta għaddew 19-il sena.

**54.** Fil-waqt li fil-każ in eżami għaddew 8 snin mill-inċident, il-Qorti tirrikonoxxi ukoll li, fiċ-ċirkostanzi, d-dewmien ma kienx jaħti għalih id-danneġjant. Normalment ir-riduzzjoni kienet tkun ta' 12%. Fil-każ in eżami l-Attur intavola l-kawża sentejn wara l-inċident. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li t-tnaqqis tal-lump sum payment għandu jkun ta' 14%.

**55.** Għaldaqstant abbażi tal-prinċipji fuq imsemmija, u fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali din il-Qorti qegħdha tiffissa u tillikwida in linea ta' lucrum cessans l-ammont ta' **€35,982.86** konsistenti f'salarju ta' €21,855.85 multiplikat b'15 -il darba li jammonta għal €327,837.75. 12% ta' dan l-ammont huwa €39,340. Iżżid magħhom €2,500 rappreżentanti potenzjal ta' dħul li jiġu għal €41,840.53. Meta jitnaqqas 14% lump sum payment li jammonta b'kollox għal €35,982.86.

<u>*Danni attwali*</u>

**56.** Fin-nota tiegħu (a' fol 572 u 573), l-Attur qed jippretendi li jiġu kalkolati danni attwali fuq id-dħul skont l-FS3s tal-kollega tiegħu Kenneth Muscat għas-snin 2013, 2014 u 2015 (a' fol 95 sa 97) li jaħdem fl-istess grad ta' *tally clerk* bħal l-Attur (ara xhieda John Vizanich, *Personnel Officer*, a' fol 76 u 77). Dan sabiex jagħmel tajjeb għall-*overtime*, l-*bonus* u *vouchers/performance bonus* (*production bonus*) li l-Attur tilef waqt li kien

qed jutilizza l-*injury leave* u li għalhekk ma humiex riflessi fl-FS3s tiegħu għas-snin relattivi, jiġifieri 2013, 2014 u 2015 (a' fol 88 sa 90).

**57.** Il-Qorti tqis li dan id-dħul m'għandhux jidħol fil-likwidazzjoni tad-danni attwali għal diverżi raġunijiet. Primarjament, dan il-perjodu ġia ġie kopert fl-ammont ta' ħlas dovut lill-Attur bħala danni *lucrum cessans*. Isegwi li jekk jidhol fil-kalkolu tad-danni attwali l-Attur se jkun qed jitħallas doppju. Inoltre d-dħul tas-Sur Muscat kif rifless fl-FS3 jinkludi l-*overtime*, l-*bonus* u *vouchers/performance bonus* (*production bonus*) tas-sena rispettiva kollha u mhux biss għal dak iż-żmien li l-Attur kien fuq l-*injury leave*. Barra min hekk ma ġiet preżentata l-ebda prova fuq l-effiċjenza tal-Attur f'xogħolu. Ma huwiex magħruf jekk l-Attur kienx effettivament kapaċi jtella *performance* u jagħmel *overtime* daqs is-Sur Muscat li kieku ma kienx fuq l-*injury leave*. F'dan ir-rigward il-Qorti qablet ir-rapporti tal-Attur u tas-Sur Muscat preżentati mis-Sur John Ivanovich għaż-żmien li fih l-Attur ma kienx fuq *injury leave*, jiġifieri mill-21 ta' Diċembru 2015 sal-25 ta' Settmbru 2016 (a' fol 91 u 102). Jirriżulta min dan l-eżerċizzju li l-prestazzjoni tal-Attur kienet fil-fatt inqas minn dik tas-Sur Muscat tant li l-introjtu gross perċepit mill-Attur kien ta' €6,677.64 inqas (€25,247.840-€18,570.200).

**58.** Jingħad ukoll li l-artikolu 2 tal-Kap. 452 teskludi mit-tifsira ta' "paga" "*kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni*". L-*overtime*, l-*bonus* u *vouchers/performance bonus* (*production bonus*) tas-Sur Muscat pretiżi mill-Attur huma kjarament relatati mal-eżekuzzjoni tax-xogħol u l-produzzjoni u għalhekk m'għandhomx

jitqiesu bħala parti mis-salarju u, konsegwentement, mid-danni attwali mġarrba mill-Attur. Dan iktar u iktar meta jitqies li, kif jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurtá Soċjali Joseph Chircop (a' fol 148), magħdud ma l-*injury leave* l-Attur ipperċepixxa wkoll benefiċċju għal korriment għal dak iż-żmien li huwa kien nieqes mix-xogħol. Huwa fil-fatt tħallas l-ammont ta' €6,948.26 għaż-żmien mis-27 ta' Diċembru 2013 (d-data li fiha ssottometta l-applikazzjoni għall-benefiċċju (fol 150)) sakemm daħal lura x-xogħol fl-10 ta' Ottubru 2014 (ara fol 158). L-Attur umbagħad tħallas ammont ieħor ta' €1,402 li jkopri dak il-perjodu ta' meta reġa ħareġ mis-xogħol, ċioè mis-27 ta' Jannar 2015, sakemm daħal lura fl-24 ta' Marzu 2015 (ara fol 159).

**59.** Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma hiex sejra tikkunsidra id-dħul tas-Sur Muscat ai fini ta' kalkolu tad-danni attwali.

**60.** Fin-nota tiegħu (fol 573) l-attur qiegħed jeżiġi wkoll bħala danni attwali "*l-ispejjeż mediċinali u spejjeż relatati m'esperti mediċi fis-somma ta' tmin mitt ewro (€800) u l-ispiża relatata mar-rapport mediku redatt mill-pain therapist Dr. Marilyn Casha fl-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150).*"

**61.** Dawn l-ammonti ma jinsorġu minn imkien fl-atti proċesswali. Tabilħaqq m'hemm xejn fl-atti li b'xi mod jipprovaw li l-Attur fil-fatt ħallas dawn iċ-ċifri fi spejjeż mediċinali u rapport mediku. Kull ma preżenta l-Attur kienet biss irċevuta waħda datata 11 ta' Jannar 2017 (a' fol 140) fl-ammont ta' €26.08 għal mediċina bl-isem ta' Tramadol. Jirriżulta mix-xhieda ta' Dr.

Marilyn Casha (fol 161) u ċ-ċertifikat maħruġ minna fil-15 ta' Frar 2017 (a' fol 168B) li din il-mediċina hija *pain killer* li ġiet indefinittivament preskritta lill-Attur fis-sena 2014 għax "*ħass il-bżonn li jibqa' fuqhom*".

**62.** Il-Qorti tifhem li l-Attur ħass il-bżonn li jixtri din il-mediċina fil-15 ta' Frar 2017 biss. Dan billi ma preżenta xejn iktar irċevuti ħlif dik ta' din id-data. Din il-Qorti għalhekk tillikwida d-danni li sofra l-Attur f'telf attwali fl-ammont ta' €26.08.

**63.** Dan ifisser li l-ammont totali li qed ikun likwidat bħala danni sofferti mill-Attur huwa dak ta' **€36,008.94** (€35,982.86 + €26.08).

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni** tal-Konvenut John Aquilina u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara lis-Soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited (C27581) responsabbli għall-inċident fuq deskritt li fih safa korrut ir-rikorrent u li seħħ fil-21 ta' Diċembru 2013 għall-ħabta ta' 4.20pm fil-Freeport Terminal, Kalafrana;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali fl-ammont ta' sitta u tletin elf u tmien Ewro erbgħa u disgħin ċenteżmu (€36,008.94);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lis-soċjetá intimata sabiex tħallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

L-**ispejjeż** tal-kawża, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru 2015, jitħallsu mis-Soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**